IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 22**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar<br>It-Tlieta 27 ta' Mejju 2014 fis-7.00 pm<br>fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatrur |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużat:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 20**

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G20 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — *Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 20*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 20**

2.01 Ma hemm l-ebda punt li joħroġ mill-minuti G20. — *Punti li joħorġu mill-Minuti G 20*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | |
|---|---|---|
| **3.00** | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 21** | |
| 3.01 | Il-minuti tas-seduta numru G21 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. | Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 21 |
| **4.00** | **Punti li joħorġu mill-Minuti G 21** | Punti li joħorġu mill-Minuti G 21 |
| 4.01 | 2.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li sabiex isir il-*patching* fiż-żona tad-Dwejra, it-Triq ta' Binġemma u Għar Żerriegħa kien hemm bżonn ta' 40 tunnellata ta' *asphalt*. Huwa ppropona li jsir *patching* ukoll fiż-żona tal-Għemieri. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta, iżda saħaq li minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill ix-xogħlijiet ta' *patching* fiż-żona tal-Għemieri jsiru fl-aħħar ta' Ġunju. Il-Kunsill qabel unanimament. | Talba għall-*patching* fi Triq ta' Binġemma u d-Dwejra |
| 4.02 | 2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsillier Rudolf Grima kien ipprovda l-indirizz tal-bini inkwistjoni u għaldaqstant il-każ ġie mgħoddi lill-pulizija. | Mozzjoni 01/14 'Mozzjoni biex tkun evitata diżgrazzja fi Triq Santu Wistin, ir-Rabat' |
| ** | Il-Kunsillier Rudolf Grima daħal għal-laqgħa fis-7:20 ta' filgħaxija. | |
| 4.03 | 6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat 'il-laqgħa li l-ittra lil TM kienet intbagħtet u l-Kunsill kien ġie infurmat li t-trinek kienu ser jingħalqu temporanjament bil-konkos minħabba li kien fadal aktar xogħlijiet xi jsiru fuq l-imsemmija triq. | Mozzjoni 04/14 - 'Mozzjoni biex jiġi diskuss l-istat li tinsab fih Vjal il-Ħaddiem Rabat Malta u x'jista' jsir fil-futur qarib biex dan il-Vjal isirlu xogħol ta rikostruzzjoni' |
| 4.04 | 18.01 Is-Sindku informa l-laqgħa li ż-żona ta' madwar il-*bring in sites*, kienet tnaddfet. Il-Kunsillier Nazju Cassar staqsa jekk il-konkos li sar wara l-*bus shelter* kienx sar mill-Kunsill. Is-Sindku wieġeb li dan sar mill-Kunsill, iżda ħdejn il-*bus shelter* u mhux warajh. Huwa qal li billi kien għad fadal il-konkos kien għaqli li jiġi użat sabiex titnaddaf dik iż-żona wkoll. | *Bring in sites* fi Triq Tabija |
| 4.05 | 18.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ispralli baqgħu ma ssewwewx min-naħa ta' TM u minħabba li dawn kienu perikolużi saru mill-Kunsill. Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill għandu jibgħat il-kont ta' l-ispiża lil TM. | Spralli mkissra fi Triq Ġorġ Borg Olivier |
| 4.06 | 18.07 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-*electrician* kien infurmah li d-dawl ta' Ġnien ta' Bir Iljun seta' jissewwa biss temporanjament minħabba li l-ħsarat kienu ġejjin minn taħt l-art. Hija qalet li kull meta kienet qiegħda tagħmel ix-xita kien hemm xi *cables* li qiegħdin jixxarrbu u kaġun ta' dan kien qiegħed jinqata' d-dawl. Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel li għalissa x-xogħlijiet isiru meta tinħareġ xi skema għall-manutenzjoni tal-*playgrounds.* | Fanal perikoluż u dawl mhux jixgħel fil-ġnien ta' Bir iljun |

## 5.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

5.01 Is-Sindku informa l-laqgħa bi spiża addizzjonali meħtieġa biex jiġu mibdula l-*mains* tal-ilma ta' Triq Santa Rita u Pjazza San Katald. Wara diskussjonijiet li saru mal-WSC, il-kuntrattur, il-*project leader* u l-perit inkarigat mill-proġett, irriżulta li dawn ix-xogħlijiet huma stmati li jlaħħqu €33,441. Mill-istess stima tal-perit irriżulta li l-Kunsill irid iħallas is-somma ta €26,669. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li din l-ispiża ma tagħmilx parti mill-finanzjament tal-proġett.

Bdil ta' *mains* tal-ilma ta' Triq Santa Rita u Pjazza San Katald

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar il-Kunsill qabel unanimament li jidħol għal din l-ispiża.

5.02 Is-Sindku ppropona li minħabba l-istat finanzjarju li jinsab fih il-Kunsill, ikun għaqli li d-dawl dekorattiv ta' Triq Santa Rita ma jsirx għalissa minħabba li l-ispiża tagħhom mhix parti mill-finanzjament tal-proġett. Hu ppropona li f'dan l-istadju jsiru bil-lest, it-trinek tad-dawl dekorattiv sabiex imbagħad dawn isiru meta ikun hemm il-finanzi. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Dawl dekorattiv fi Triq Santa Rita

5.03 Is-Sindku informa lil laqgħa li wara diskussjonijiet li saru mas-Supretendenza ghal Wirt Kultural, hemm il-bzonn li jinhatar *Archeological Supervisor* sakemm idum għaddej il-proġett ta' Triq ta' Santa Rita u Pjazza San Katald. Huwa kompla billi qal li s-siegħat ta' superviżjoni għad iridu jiġu stabbiliti mis-Sovvrintendenza għall-Wirt Kulturali. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil-laqgħa li din l-ispiża wkoll mhix koperta mill-finanzjament tal-proġett.

Ħruġ ta' *Tender* b'urġenza għas-servizz ta' *Archeological Supervisor*

Is-Sindku ppropona li jinħareġ *tender* b'urġenza għal dan is-servizz sabiex dan jiġi maħtur mill-aktar fis possibbli, minħabba li l-proġett huwa imminenti li jibda. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.04 Is-Sindku qal ukoll li għal proġett ta' Triq Santa Rita u Pjazza San Katald kien hemm ukoll il-bżonn li jiġi ingaġġat *Health and Safety Officer*. Filwaqt li l-Kunsill kien konxju li din l-ispiża ma kinitx tifforma parti mill-finanzjament tal-proġett, kienu ġew miġbura kwotazzjonijiet għal dan is-servizz. Is-Sindku ppropona li tiġi magħżula l-irħas offerta li kienet tas-Sur Louis Coleiro li stmata li tlaħħaq għal madwar €900. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament.

Servizz ta' *Health and Safety Officer* għall-Proġett ta' Triq Santa Rita u Pjazza San Katald

5.05 Is-Sindku ppreżenta l-pjanta li ħejja l-perit dwar kif ser jiġi mqassam il-monti fi Triq it-Tiġrija.

Pjanta tal-monti fi Triq it-Tiġrija

Il-Kunsillier Rudolf Grima qal li importanti li jitħalla aċċess għar-residenti.

Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li importanti wkoll li l-bibien tar-residenti ma jiġux ostakolati.

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill qabel unanimament mal-pjanta proposta bil-kundizzjoni li l-bibien tar-residenti ma jiġux ostakolati.

5.06 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-Għalqa ta' Kola tibda tinkines darba fil-ġimgħa, kull nhar ta' Tnejn. Huwa qal li din iż-żona ma tagħmilx parti mit-*tender*

Knis tal-għalqa ta' Kola

tal-knis u għaldaqstant din dejjem qiegħda tkun maħmuġa, b'mod speċjali wara tmiem il-ġimgħa. Is-Sindku ppreżenta l-kwotazzjonijiet miġbura u ppropona li tingħażel l-irħas kwotazzjoni, dik ta' €900 fis-sena. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.07 Is-Sindku preżenta kwotazzjoni sabiex jitnaddfu l-*planters* ta' ħdejn il-latrina fi Triq il-Kulleġġ minħabba li dawn il-*planters* ma jagħmlux parti mit-*tender* tal-manutenzjoni u t-tisqija tal-pjanti. Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li jinġabru żewġ kwotazzjonijiet oħra.

Kwotazzjoni għat-tindif tal-*planters*, fi Triq il-Kulleġġ

5.08 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0962/14**, is-Sindku ppreżenta talba mingħand il-Sur Louis Vella, sid ta' *restaurant* fi Triq Għeriexem. Huwa qiegħed jitlob li f'din it-triq isir xi tip ta' *traffic management system* u li titwessa' l-bankina tal-istess triq. Wara diskussjoni li saret ma kienx hemm qbil li titwessa' l-bankina, minħabba li din għada kif saret ġdida, kif ukoll minħabba l-fatt li jekk titwessa' ser jintilef il-parkeġġ.

Talba min sid ta' *restaurant* fi Triq Għeriexem

Is-Sindku ppropona li għandha ssir talba lil TM sabiex din it-triq issir *one way*. Il-Viċi Sindku, Doris Coleiro ssekondat il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.00 Awtorizzazzjoni tal-ħlasijiet

6.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 234 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 234

## 7.00 Ir-Rapport tal-Awditur għas-sena 2013 u t-tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tal-awditur għas-sena 2013 u spjegat il-punti li dan ġibed l-attenzjoni dwarhom. Hi kompliet billi qalet, li l-amministrazzjoni tal-Kunsill minkejja li ma qablitx mal-punti kollha tal-*Management Letter* tinnota b'sodisfazzjon it-titjib konsiderevoli li reġa' kien hemm għal dik is-sena, dwar l-operat amministrattiv tal-Kunsill. Kopja tar-Rapport tal-Awditur tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

Ir-Rapport tal-Awditur għas-sena 2013 u t-tweġiba tal-Kunsill għal dan ir-rapport

Il-Kunsill innotta li l-awdituri qed jirrakkomandaw li ssir *restructuring plan* fuq tliet snin kif ukoll *cash flow management plan* fi-rigward tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill, fejn irriżulta li d-*deficit* żdid u l-indikatur finanzjarji hu ta' -21.4%. Dawn il-miżuri, flimkien ma' dawk li ma jsirux proġetti kapitali oħra li ma jkunx hemm fondi ghalihom minn xi skema, għandhom jiġu addottati sabiex il-Kunsill jirregola ruħu mal-liġi. Wara diskussjoni dwar dawn il-punti, fuq proposta tal-Kunsillier Nazju Cassar issekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo, il-Kunsill unanimament qabel li jaderixxi mal-punti kollha, kif ukoll li jittieħdu l-passi neċessarji sabiex isir sew ir-*restructuring plan* kif ukoll il-*cash flow management plan*. Kien hemm qbil li hekk kif ikunu lesti, dawn jiġu ppreċentati fil-Kunsill u wara jinbatgħu għall-attenzjoni tal-awtoritajiet ikkonċernati,

Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw fuq il-mejda tal-Kunsill it-tweġiba tal-Kunsill. Wara li nqrat it-tweġiba tal-Kunsill għar-rapport tal-awditur, is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li tiġi approvata hekk kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tat-

tweġiba tal-Kunsill tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

**8.00 Attendenza tal-Kunsilliera skont it-termini tal-artiklu 18 tal-att dwar il-Kunsilli Lokali**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-attendenza tal-Kunsilliera għall-perjodu ta' bejn Novembru 2013 u April 2014. Hija ġabet għall-attenzjoni tal-Kunsill, li l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Rudolf Grima, naqqsu milli jattendu l-laqgħat skont Artiklu 18 tal-Att dwar il-Kunsill Lokali.

Attendenza tal-Kunsillieri

Fuq mozzjoni mressqa mis-Sindku Charles Azzopardi u ssekondata mill-Kunsillier Stephen Borg, il-Kunsill unanimament qabel li jiġi rrakomandat lill-Ministru biex il-post tal-Kunsillier Azzopardi u tal-Kunsillier Grima ma jkunx vakat.

**9.00 Ħruġ tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ**

9.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-ħruġ tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ, ma terġax tinħareġ qabel ma' jsir *refurbishment* tal-latrina. Wara diskussjoni li saret il-Kunsill ma qabilx mal-proposta tas-Sindku minħabba l-istat finanzjarju li jinsab fih il-Kunsill.

Ħruġ tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ

Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona li l-offerta ma tinħariġx biss għat-tindif u l-manutenzjoni tal-latrina, iżda li l-offerent għandu jagħmel ukoll *r-refurbishment* tal-imsemmija latrina. Huwa ppropona wkoll li l-offerta tinħareġ għal sitt snin minflok għal tliet snin, sabiex din tingħata bħala inċentiv lill-offerenti. Il-Kunsillier Rudolf Grima ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-laqgħa li kull offerta tista' tinħareġ biss għal sena, bil-possibilità li tiġi mġedda għal tliet snin. Il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħmel talba lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill jingħata l-approvazzjoni biex din l-offerta tinħareġ għal sitt snin minflok għal tlieta. Il-Kunsill qabel ukoll li l-perit tal-Kunsill jintalab sabiex iħejji pjanta u stima tar-*refurbishment* tal-latrina.

**10.00 Approvazzjoni tal-Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani (Lulju – Diċembru 2014)**

10.01 Is-Sindku ppreżenta l-programm tal-ħarġiet għall-Anzjani għall-perjodu bejn Lulju u Settembru 2014 li ħejjiet il-Viċi Sindku Doris Coleiro. Huwa talab lill-Viċi Sindku sabiex tagħti spjegazzjoni aktar fid-dettal tal-programm u anke tagħti spjega għalfejn hemm tibdil fil-perjodu tiegħu. Hija spjegat li din id-darba l-programm kien għal tliet xhur biss, peress li ma kienx vijabbli li jsiru *bookings* fit-tul minħabba li kien qed ikun hemm problema ta' organizzazzjoni mal-istabbilimenti.

Programm tal-Ħarġiet għall-Anzjani

Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li l-Kunsill japprova l-programm hekk kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

**11.00 Korrispondenza**

| | | |
|---|---|---|
| 11.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, korrispondenza dwar kors li ser jiġi organizzat mill-ANSEK rigward *Practical Aspects of Public Procurements*. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Doris Coleiro u ssekondata mill-Kunsillier Ian Vassallo, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas dan il-kors lis-Segretarju Eżekuttiv u lill-Assistent Prinċipali tal-Kunsill. | Kors dwar il-*Practical Aspects of Public Procurements* organizzat mill-ANSEK |
| **12.00** | **Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija - Seduta numru A 40** | |
| 12.01 | Is-Sindku ppropona li l-minuti tal-KA tal-Baħrija A 40 jittieħdu bħala moqrija. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. | Minuti KA Baħrija A 40 |
| **13.00** | **Materji Oħra** | |
| 13.01 | Is-Sindku ppropona li jingħata l-konkos fil-limiti ta' Santa Katerina u Triq Ħal Tartarni. Il-Kunsill qabel li dan il-konkos ingħata f'Lulju sabiex tkun laħqet daħlet allokazzjoni oħra. | Konkos fil-limiti ta' Santa Katerina u Triq Ħal-Tartarni |
| 13.02 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li l-*pelican lights* fi Triq Ħal Tartani jinsabu mitfija. | *Pelican lights* fi Triq Ħal Tartarni |
| 13.03 | Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li hemm ħajt imwaqqa' fi Triq Rudolf Saliba faċċata tal-iskola primarja A. | Ħajt imwaqqa' fi Triq Rudolf Saliba |
| 13.04 | Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi talab li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li jieħu ħsieb il-ġnien ta' San Duminku minħabba li dan il-ġnien jinsab maħmuġ u mitluq. | Ħmieġ fil-ġnien ta' San Duminku |
| **14.00** | **Data tas-seduta li jmiss** | |
| 14.01 | Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Ġunju fis-7.00 ta' filgħaxija. | Aġġornament |
| 14.02 | Il-laqgħa ntemmet fl-10:00 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum it-Tlieta 24 ta' Gunju 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**